# IL-POETA RUŻAR BRIFFA (4)

## L-imħabba u l-illużjonijiet li ġġib magħha

STEPHANIE CACCIATTOLO/ scacciattolo@unionprint.com.mt



*Ikompli mill-ġimgħa l-oħra*

Hu ma jħossux barrani biss fil-kotra imma wkoll quddiem ix-xbieha tal-Madonna. F'"Il-Għanja tal-Imnikket" huwa mdejjaq għax iħossu għeri quddiem il-Madonna għax m'għandux x'joffrilha: "Jiena biss kont il-barrani / Mingħajr ward u deh'b il-għani, / Jiena biss!".

Hu m'għandux x'joffrilha ħlief "ix-xewk minn qalb ix-xagħri / U għollieq, marrad, musfari". Briffa jħossu inqas minn ħaddieħor anki quddiem il-Madonna iżda din ma tiġġudikahx. B'hekk il-poeżija tagħlaq b'volta għax il-Madonna serrħet "lill-qalb għajjiena" tal-poeta.

Il-malinkonija tiegħu ġieli taqleb għall-aħjar hekk kif juri bidla fil-ħsieb malinkoniku għal wieħed ta' tama. Dan jidher f'"Ix-Xita Nieżla" fejn jippreżenta lix-xita bħala l-element naturali li jġib id-diq miegħu. Juża x-xita bħala dan l-organu minħabba s-simboliżmu tas-smewwiet jibku mal-biki tan-nies. Din il-poeżija tittratta lill-poeta solitarju li huwa għajjien minħabba l-ħsibijiet tal-ħolm li ma jseħħ qatt u r-rutina tal-ħajja fil-waqt li qiegħed jimxi fit-triq. Briffa jirrepeti ħafna l-kelma "waħdi" biex jisħaq fuq il-pateticità u l-fissazzjoni malinkonika. Huwa saħansitra juża r-raba' vers għal din il-kelma biss. L-aħħar strofa turi t-tama tal-poeta fil-ġejjieni u din tasal tegħleb id-dwejjaq u l-bikja tiegħu:

Imm'għada riħ ieħor
Jonfħilna fuq l-art,
U għada riħ ieħor
Ikeċċi lill-mard.

Iktar ma l-poeta jisfa miċħud min-nies u mill-imħabba, iktar jinqata' għalih u elitista. L-elitiżmu jidher f'"Lil F.S. Caruana" fejn jirrispondi l-ittra ta' sieħbu li tħasseb dwaru għax kien ilu ma jara xogħol minn tiegħu. Briffa jagħtih risposta li l-poeżija hi l-unika ħaġa li ġġiegħlu jħossu ħaj u li kieku kellu jiskot minnha kien jitlef il-ħolm tiegħu. Il-poeżija hi li tagħmlu aħjar mill-bnedmin l-oħra u tbiegħdu minnhom għax huma kollha l-istess mingħajr ħolm:

"Int taf, Saver, li nżomm il-ħajja bħala fiergħa
U aktarx li jien sirt ma nemmen f'ħadd,
'mma x'jibqa' fija jien, jekk niċħad ħolmti
U nisfa' bniedem...hekk... bħal mhu kulħadd?"

Il-ħolm tiegħu jgħinu jgħix fl-illużjoni tas-sbuħija tal-ħajja mqar għal ftit għax inkella jispiċċa bniedem komuni li jeżisti bla skop fil-ħajja. Jagħlaq l-ittra billi jitlob lil Saver li jekk xi darba għad tmut il-ħolma tiegħu u veru jneħħi ħajtu, inaqqaxlu fuq il-qabar li "hu miet għax le ma xtaq ikun mal-qtajja'".

Il-ħsus tiegħu huma xi drabi mħawdin għax ġieli jibki biex ikun parti mill-kotra u ġieli jgħajjar lill-kotra għax hi aljenata u tgħix ħajja assurda. Il-kotra dejjem ċaħditu u huwa jsib il-wens fil-poeżija li toffrilu l-ħarba fil-ħolm.

### IL-ĦOLM U L-IMĦABBA

L-imħabba għal Briffa ma kinitx hienja imma kienet esperjenza li kkaġunat id-dwejjaq. Il-ħolm dwar l-imħabba safja huwa biss illużjoni u jwassal biex dak li jkun jiġi tradut u diżappuntat. F'"Tfajla, Toħlomx" jindirizza tfajla mbikkma u javżaha biex ma toħlomx dwar l-imħabba għax il-ħolm huwa biss gideb. Il-ħolma "fiergħa" tingannak għax taħbilek il-hemm tal-ħajja billi tpinġilek kollox sabiħ. Il-poeta jistieden lil din it-tfajla biex tmur għandu biex joffrilha mħabbtu:

"U jekk qatt, tfajla, għad jiġrilek bħali,
Li emmint kollox u ma bgħadt lil ħadd,
Imbagħ'd lagħbuni u kollox sfali ħsara,
Tant illi qalbi ċaħdet lil kulħadd,
Ejja'għandi, tfajla, tkun imsejkna bħali,
U bħali, tfajla, tkun ma temmen f'ħadd."

Din l-istedina lit-tfajla hi xbieha hi meħuda mill-Bibbja fejn Kristu jistieden lil kull min jemmen biex jimxi warajh biex imexxih fit-triq tas-salvazzjoni.

Briffa jaqbad it-tbatija tiegħu u jwaħħadha mat-tbatija tat-tfajla biex hekk huma joħolqu mħabba pura. Il-poeta jsejjaħ lit-tfajla "msejkna" u jgħid li hi bħalu.

Il-ħolm bħala aġent ta' ingann u diq jidher ukoll f'"Kull Ħolma ta' Sbuħija". Il-poeta jibda billi jistqarr li l-ħolm mhux imwettaq iġib "swied il-qalb" u l-imħabba "iġġib magħha diq it-talb". Il-ħolm u l-imħabba huma biss illużjoni u tama fiergħa. Minkejja dan, fit-tieni strofa tidher bidla fil-ħsieb tal-poeta hekk kif jammetti li jippreferi ibati bħala bniedem sentimentali milli jisfa bniedem bla ħsus. Id-dwejjaq u n-niket huma bżonjużi biex dak li jkun ikun jaf li qiegħed jgħix.

B'hekk il-poeta jagħlaq bil-ħsieb li l-ħolm mhuwiex fieragħ għax l-uġigħ li jqanqal fil-qalb huwa tfakkira li huwa ħaj:

"Imm'aħjar bil-qalb maqsuma
Tgħix bl-imħabba u bis-sbuħija
Milli f'għors il-ħajja fiergħa
Tarmi s-snin minn tażżgħożija."

Il-ħolm huwa l-ħarba tal-poeta iżda dan jibqa' ħolm biss. F'"Ħolm" huwa qiegħed joħlom li jinsab mistrieħ f'art imbiegħda fejn ebda riħ kiesaħ li jokrob ma jistennieh wara biebu. F'din l-art ix-xmara tgħanni u tirtogħod iżda mhux bil-biża' imma għax hi "bogħ'd mill-qilla kiefra / ta' min ixerred semm". Hekk kif ikun mitluf fil-ħolma, il-karba tal-mewġa ġġib lill-poeta f'sensih u huwa jerġa' lura fid-dinja reali. L-ewwel u l-aħħar strofa huma l-istess; l-aħħar waħda hi ritorn għal dak li hu fil-verità. Fl-istrofi ta' bejniethom jesprimi l-ħolma tal-poeta li tibqa' biss ħolma:

"Ilbieraħ smajt il-mewġa
Titbekka tul ix-xatt,
U ħsiebi dlonk intilef
Fil-ħolm li ma ħlomt qatt."

Il-poeta għamel ħabta jemmen li l-imħabba tista' tifdi d-dwejjaq tal-bniedem. F'"Il-Għanja tal-Imħabba", huwa jgħanni lil ċerta Dorina biex idawrilha l-ħsieb dwar l-imħabba għax din f'qalbha jaħkimha "l-bard ta' Jannar". Hu jipprova jikkonvinċiha li l-imħabba hi s-salvazzjoni tagħha iżda Dorina ma temminx f'dan:

"Kull m'hawn f'din id-dinja jitbekka l-imħabba,
L-imħabba li tnessi fil-ħajja kull hemm,
Li treġġa' ftit hena fil-qlub imbikkija,
U tbiegħed mill-bniedem kull deni, kull semm".

Il-poeta jemmen li l-illużjoni tal-imħabba hi importanti għax minħabba fiha l-bniedem ikollu skop għalxiex jgħix:

"Imsejken min jitlef it-triq tal-imħabba,
Għax jidħol f'mogħdija mimlija bl-għollieq,
Iħalli għal dejjem kull ferħa, kull barka,
U qalbu jirhenha għall-biki, għad-diq". (29-32).



*Jissokta d-dieħla*